MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2542/2002

**Awtorita' Marittima ta' Malta**

**Vs**

**Jesmond Pulis**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm239.84c (mitejn u disgha u tletin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu) rappresentanti "berthing fees" ghall-boat bl-isem "Shilling" hekk kif jidher mill-invoice datata 23 ta' Lulju, 2002, li kopja taghha hi annessa ma' l-Avviz bhala Dok. A.

Il-konvenut nonostante li gie debitament interpellat biex ihallas, inkluz b'ittra ufficjali datata 23 t'April, 2002, (li kopja taghha hi annessa ma' l-Avviz bhala Dok. B) baqa' inadempjenti.

Il-konvenut qieghed jigi mitlub ukoll ihallas l-ispejjez kif ukoll l-imghax legali sal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------